# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 24/2018 MH**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2022**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Michael Borg (K.I. Nru 98875M) u Rita Gatt (K.I. Nru 40589M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Bank attur tad-9 ta' Jannar 2018** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub -

*Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà attriċi tikkonferma bil-ġurament;*

1. *Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge, datat 24 ta' Settembru 2012 (Dok. "A"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilita` bankarja lil Michael Borg u Rita Gatt;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Michael Borg u Rita Gatt fis-somma ta' mija u disgha u erbghin elf, seba' mija u zewgt Ewro u tlieta u*

*disghin centezmu (€149,702.93) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Michael Borg u Rita Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."B") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-18 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael Borg u Rita Gatt:*

   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Michael Borg u Rita Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Michael Borg u Rita Gatt gew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 7 ta' April 2015, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok 'C' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huma baqghu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael Borg u Rita Gatt (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Michael Borg u Rita Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Michael Borg u Rita Gatt jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u disgha u erbghin elf, seba' mija u zewgt Ewro u tlieta u disghin centezmu (€149,702.93) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Michael Borg u Rita Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."B") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-18 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' April 2015 (Dok. "C") kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

*Di piu`, in vista tal-Ordni tal-Iffrizar mahruga kontra Michael Borg, il-mittenti tinfurmakom li l-pagamenti minnkom mitluba jistghu jigu accettati mill-Bank biss wara li Michael Borg jottjeni d-debita awtorizazzjoni mill-Qorti kompetenti.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata konġunta tal-konvenuti tas-7 ta' Frar 2018**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Michael Borg jikkonferma li jaf il-fatti sottoposti di xienza propia:*

1. *Illi preliminarjament jiġi sottomess illi t-talba dedotta mill-Bank rikorrent qed tiġi kontestata in vista tal-fatt li għandha tirriżulta nfondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment għar-raġunijiet li ser jiġu hawn taħt elaborati aħjar u kif ukoll sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ ta' dan il-proċess;*

2. *Illi fl-ewwel lok, mhux minnu illi l-intimati kissru xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Bank attur, skond il-kuntratti ffirmati mill-kontendenti eżebiti mill-Bank rikorrenti bħala 'Dok A' u 'Dok B' dan peress illi huma kienu kustretti jkunu morużi fil-pagamenti dovuti*

[1] Fol 29 et seq

*minnhom u dan meta kien l-istess Bank attur m'aċċettax illi jsiru pagamenti minn Rita Gatt;*

3. *Illi l-Bank rikorrenti la kien ġustifikat u lanqas legalment korrett, meta irrifjuta l-pagamenti da parti tal-intimata Rita Gatt, u dan peress illi l-intimati debituri Michael Borg u Rita Gatt m'humiex miżżewġin u għalhekk il-patrimonji tagħhom huma legalment seperati minn xulxin;*

4. *Illi dan qed jingħad anke fid-dawl tad-dispost tal-Artikolu 1094 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li a rigward ta' debituri in solidum bejniethom jistipola illi, '....l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur'.*

5. *Illi di piu kien biss l-intimat Michael Borg, kolpit minn Ordni ta' Iffriżar; ma teżisti u qatt ma kienet teżisti l-ebda Ordni fil-konfront tal-intimata Rita Gatt u għalhekk il-Bank rikorrenti ma kienx prekluż milli jaċċetta l-pagamenti mingħandha, la darba hija u l-intimat Michael Borg debituri tal-Bank in solidum bejniethom;*

6. *Illi konsegwentement, la darba kien il-Bank stess illi m'aċċettax il-pagamenti mingħand l-intimati, u għalhekk kien nuqqas serju attribwibbli lil Bank rikorrenti stess, iż-żewġ talbiet tal-Bank rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

*Bl-ispejjeż kontra l-Bank rikorrenti;*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Semgħet lix-xhieda u rat il-provi dokumentarji mressqa mill-Bank attur.

Rat illi nonostante li ngħataw aktar minn opportunita' waħda sabiex iressqu l-provi tagħhom, il-konvenuti naqsu milli jressqu kwalunwe prova in sostenn tal-linja difensjonali tagħhom nonostante l-eċċezzjonijiet minnhom mressqa.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Bank attur.

Rat illi minkejja li ngħataw terminu adegwat sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Bank attur kien ikkonċeda faċilita' bankarja lill-konvenuti permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Settembru 2012 iżda skont l-istess Bank dawn (i) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lilu kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (ii) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt, u/jew (iii) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank attur u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti eċċepew li huma ma kisrux il-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Bank u anzi kien il-Bank li wettaq nuqqasijiet meta rrifjuta pagamenti mingħand il-konvenuta avolja hija mhijiex miżżewġa lill-konvenut l-ieħor u kien hu biss li kien milqut b'Ordni ta' Iffriżar. Għalhekk fil-fehma tagħhom it-talbiet tal-Bank attur għandhom jiġu respinti.

Il-Qorti tissottolinea fl-ewwel lok li minkejja n-nuqqas tal-konvenuti li jressqu provi u sottomissjonijiet fil-kawża odjerna, xorta jibqa' fuq il-Bank attur l-obbligu li jipprova dak allegat minnu (art.562 tal-Kap 12) u dan billi jressaq l-aħjar prova li jista' jġib (art 559 tal-Kap 12).

Ingħad hekk fil-każ **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta' Diċembru 2015 -**

*"......il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 -* ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca****). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik*

*imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).”*

Mill-atti jirriżulta li -

i. Ġie ffirmat kuntratt tal-24 ta’ Settembru 2012 fl-atti tan-nutar Dr Roland Wadge permezz ta’ liema kien ġie koncess mill-Bank attur lill-konvenuti self fl-ammont ta’ €115,303 għax-xiri tal-proprjeta’ ndikata fit-tieni parti tal-istess kuntratt, liema self kellu jitħallas lura skont it-termini u l-kundizzjonijiet fih pattwiti[2];

ii. Permezz ta’ ittra uffiċjali datata 7 t’April 2015 l-Bank attur interpella lill-konvenuti sabiex flimkien u *in solidum* bejniethom iħallsu s-somma ta’ €126,562.47 bħala bilanċ għad-debitu fil-kont ta’ self tagħhom mal-Bank flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta’ Jannar 2015. Il-Bank infurmahom ukoll li in vista tal-Ordni tal-Iffriżar maħruġa kontra l-konvenut Michael Borg huwa kien lest jaċċetta l-pagamenti biss wara d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti;

iii. Skont ix-xhieda mressqa mill-Bank, mid-data li fiha ġiet intavolata l-kawża odjerna ma nbidel xejn u ħadd mill-konvenuti m’avviċina lill-Bank biex jagħmel xi pagamenti. Peress li l-konvenut Michael Borg kellu Ordni ta’ Iffriżar ta’ l-Assi l-Bank ma setax jaċċetta depożiti mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti. Dment li l-Bank baqa’ ma ġiex provdut b’digriet tal-Qorti li jawtorizza varjazzjoni tal-iffriżar tal-assi msemmija ma seta jiġi aċċettat xejn minn naħa tiegħu.

[2] Fol 5 et seq

iv. B'digriet datat 7 ta' Frar 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat it-tħassir tal-Ordni ta' Sekwetru tal-Assi tal-konvenut Michael Borg u oħrajn, liema Ordni kienet ilha fis-seħħ mit-23 ta' Lulju 2013 skont ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja.

v. Skont *Statement of Account* tas-self mertu tal-proċeduri odjerni[3], sas-17 t'Awissu 2017 il-bilanċ ta' ħlas dovut lill-Bank kien ilaħħaq is-somma ta' €149,702,93 imma mill-aħħar xhieda tar-rappreżentant tal-Bank Graziella Perrone fid-29 ta' Jannar 2021 intwera li l-bilanċ dovut a favur il-Bank żdied anke jekk fil-frattemp saru xi depożiti żgħar da parti tal-konvenuti.

**Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li x-xhieda bl-affidavit ta' Johanna Bartolo li l-Bank ippreżenta permezz ta' Nota[4] mhijiex konnessa mal-kawża odjerna iżda ma' kawża oħra.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tinnota li l-faċilita' bankarja in kwistjoni ilha li ngħatat mill-Bank lill-konvenuti aktar minn disa' snin u ċioe' minn Settembru 2012. Għalkemm bejn Lulju 2013 u Frar 2019 kien hemm Ordni ta' Iffriżar tal-Assi tal-konvenut Michael Borg, il-Bank kien ikun f'qagħda li jaċċetta depożiti fil-kont tas-self tal-konvenuti li kieku l-konvenuti pproduċew digriet appożitu tal-Qorti kompetenti li tawtorizza varjazzjoni fl-Ordni tal-Iffriżar imsemmija. Ma jirriżultax li l-konvenuti ħadu passi sabiex jottjenu tali digriet avolja fl-eċċezzjonijiet tagħhom huma qalu li kienu għamlu tentattiv biex jagħmlu pagamenti permezz tal-konvenuta Rita Gatt. <u>Jirriżulta wkoll li nonostante l-fatt li sa mis-7 ta' Frar 2019 l-Ordni ta' Iffriżar in kwistjoni ma baqgħetx fis-seħħ, kienu biss ftit id-depożiti li għamlu l-konvenuti sabiex jaqtgħu mill-bilanċ minnhom dovut, b'dana li l-ammont minnhom dovut flimkien mal-interessi baqa' jiżdied.</u>

Konsegwentement, fid-dawl tal-provi suesposti l-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tal-Bank attur ġew sodisfatti sal-grad rikjest mill-liġi. Invece, ma tressqet ebda prova mill-konvenuti li tissostanzja dak minnhom eċċepit fir-risposta ġuramentata jew li twaqqa' u tikkontradixxi l-pretensjonijiet tal-Bank. Kwindi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jiġi respinti.

[3] Fol 18 et seq
[4] Fol 25

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif dedotti;**

**3. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**